MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar l-10 ta' Lulju 2024

Avviż Numru: 99/2024NHV

**AME Health and Safety Services Limited**
(C44347)

**vs.**

**Contractors Only Limited**
(C96424)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2024, li permezz tiegħu, is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' ħdax-il elf tliet mija sebgħa u tmenin ewro (€11,387) rappreżentanti bilanċ rimanenti mill-kont bin-numru POL010 kif jirriżulta mir-reżokont anness u mmarkat bħala Dokument A;

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 430/2024 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment kontra s-soċjetà konvenuta, inġunta in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż u wkoll bl-Avviż tas-Smigħ tal-kawża, hija ma kkontestatx il-kawża u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta u l-fatt li s-soċjetà konvenuta naqset milli tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Contractors Only Limited tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' ħdax-il elf tliet mija sebgħa u tmenin ewro (€11,387) bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-preżenti huma a kariku tas-soċjetà konvenuta.

**Ffirmata:** **Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur